# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis tlieta u ghoxrin (23) taʼ Novembru 2017**

**Rikors Numru 147/14 FDP**

**fl-ismijiet**

**Christopher Ciantar (ID 236171M)**
**u**
**Eleanor Ciantar (ID 367474M)**

**vs**

**Emanuel Micallef, bhala Kap tat-Taqsima tal-Ahbarjiet One Productions Ltd**
**u**
**Josef Caruana, bhala Editur ta' l-Orizzont**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 29 ta' April 2014 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti is-segwenti:

> *Prevja dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-allegazzjonijiet dwar l-istess mertu li gew pubblikati fuq il-gurnal L-ORIZZONT u mxandra fuq Istazzioni Televiziv ONE TV, precizament, fil-kaz ta' L-Orrizzont b'artikoli pubblikati matul ix-xahar Meiju u Gunju 2013 u fil-kaz ta' ONE TV bi news item fuq ahbarijiet ta' One News tat-18 ta' Meiju 2013, b'referenzi diretti ghall-hawnekk rikorrenti, li huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u kellhom bhala skop dak li jtellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni, il-gieh, u l-kredibilita taghhom, thallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artiklu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta*
>
> *BI-ispejjes, inkluz dawk tal-Protest Giudizzjajru 263/13 u bl-imghax legali kontra l-intimat li huwa ngunti minn issa ghas-subizzjoni*

Rat it-transcipt tan-news kif imtella fuq il-One News fit 18 ta' Mejju 2013 kif ukoll l-artikoli illi dehru fuq l-Orizzont fit-3 ta' Mejju 2013, fit-9 ta' Mejju 2013, fil-11 ta' Mejju 2013, fit-18 ta'

Mejju 2013, fit-28 ta' Mejju 2013 u fit-2 ta' Awissu 2013 kif ukoll l-ittra lill Editur illi giet ippubblikata fid-9 ta'Mejju 2013, lkoll ippresentati mir-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Josef Caruana ppresentata fl-4 ta' Lulju 2014 fejn laqa ghal dak lilu allegat billi qajjem is-segwenti eccezzjonijiet:

1. *Illi fil-kitba li dwarha qed joggezzjonaw ir-rikorrenti m'hemm ebda ngurja izda biss pubbliku li, precizament hu ta' nteress pubbliku u xi kummenti. Dana fil-qadi ta' dmir l-esponenti li jzomm lill-qarrejja tieghu b'dak jkun ghaddej fil-hajja pubblika tal-pajjiz liema jikkorrispondi mad-dritt tal pubbliku li jinzamm imgharraf. Ghalhekk m'hemm ebda dell ta' animus injuriandi da parti tal-eccipjent.*

2. *Illi l-esponent zamm il-gurnal tieghu miftuh ghal kulma riedu jwasslu r-rikorrenti lill-qarreija tal-eccipjent.*

Rat ir-risposta ta' l-intimat Emanuel Micallef ppresentata fis 7 ta' Novembru 2014 fejn laqa ghal dak lilu allegat billi qajjem is-segwenti eccezzjonijiet:

1. *Fl-ewwel lok in-nullita' tar-rikors promotur in kwantu l-atturi ma jistghux guridikament jipprocedu b'azzjoni wahda kontra diversi enuti fuq kawzali distinti;*

2. *F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas*-sueccepit, *in kwantu tirreferi ghall-eccepjenti il-pubblikazzjoni msemmija mill-atturi ma hijiex libelluza fil-konfront taghhom;*

3. *Inoltre l-fatti ndikati mill-atturi fejn jikkoncerna lill-eccepient, jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' nteress pubbliku attwalii accettabbli f'socjeta demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll that il-ligi ta' l-Istampa. Jekk l-atturi deherilhom li gew pubblikati jew ixxandru inezattezzi li jolqtu lilhom, huma kellhom ir-rimedju tar rettifika taht listess Att dwar l-Istampa;*

4. *Fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tammonta ghal espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew value judgement, tal-awtur tal-pubblikazzjoni, u hija fair comment maghmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa taht il-Kostituzzjoni ta' Malta l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda ta' **Eleanor Ciantar** moghtija fl-20 ta' Ottubru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita seduta stante.

Rat l-affidavit ta' **Dr Christopher Ciantar**, ippresentat fl-20 ta' Novembru 2014, u d-dokumentazzjoni minn esebita.

Rat illi fil-5 ta' Jannar 2015 ir-rikorrenti cedew l-atti fil-konfront ta' Emanuel Micallef filwaqt illi zammew ferm il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront ta' Josef Caruana, bhala editur tal-gurnal l-Orizzont.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit George Pullicino**, moghtija fit 2 ta' Marzu 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Denis Buttigieg**, Direttur fil-Corporate Services Directorate tal-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima, moghtija fit 30 ta' April 2015, fit 18 ta' Gunju 2015 u fil 15 ta' Ottubru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.
Semghet ix-xhieda ulterjuri ppresentata minn Eleanor Ciantar fl-14 ta' Dicembru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat illi fl-14 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat l-affidavit ta' l-intimat **Josef Caruana** ippresentat fit 18 ta' Frar 2016 kif ukoll id-dokumentazzjoni mieghu anness.

Semghet il-kontro ezami ta' Josef Caruana illi saret fit 13 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni esebita.

Semghet il-kontro ezami ulterjru ta' Josef Caruana illi saret fit 18 ta' Ottubru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Espedito Grech**, Direttur fi hdan il-People and Standards Division tal-Ufficcju tal-Prim Ministru, moghtija fit 22 ta' Mejju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Jacob Zahra**, Direttur fi hdan il-People Support and Wellbeing Division tal-Ufficcju tal-Prim Ministru, moghtija fit 22 ta' Mejju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis 6 ta' Lulju 2017 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta w ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fit 23 ta' Awissu 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimat ippresentati fit 30 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fit 30 ta' Ottubru 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti konjugi Christopher Ciantar u Eleanor Ciantar qed jilmentaw dwar il-kontenut u l-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront taghhom f'sensiela ta' artikoli illi dehru fuq il-gazzetta Orizzont fuq medda ta' tlett xhur bejn it 3 ta' Mejju 2013 u it 2 ta' Awissu 2013.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Christopher Ciantar kien Direttur fi hdan is-socjeta WasteServ ghas-snin 2003 sa 2008 u, fis-sena 2008, gie mahtur bhala Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tar-Rizorsi u Affarjiet Rurali, illi tieghu kien Ministru l-Perit George Pullicino.

Jirrizulta illi fit-12 ta' Marzu 2013, wara l-Elezzjoni Generali illi kien hemm ftit jiem qabel, huwa intalab jirrizenja mill-kariga tieghu, liema talba huwa irrifjuta.

Jirrizulta illi, sussegwentement, fis 26 ta' Marzu 2013 huwa inghata *notice* ta' tlett xhur illi l-impjieg tieghu kien qieghed jigi terminat.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi r-rikorrenti Eleanor Ciantar kienet ilha tahdem mal-Gvern sa mis-sena 1991, meta dahhlet bhala Typist.

Jirrizulta, di fatti, mid-dokumentazzjoni esebita ossija il-Personal Record Sheet (fol 120) prodotta mir-rappresentant tal-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil tal-Klima, l-istess Eleanor Ciantar mxiet minn Typist f' Jannar 1991 ghal Clerk f'Marzu 1992, Executive Officer fil 25 ta' Marzu 2000, Assistant Principal fil 25 ta' Marzu 2008 u Principal fis-sena 2009, posizzjoni illi hija ghad ghandna sa' llum.

Jirrizulta illi fit 3 ta' Awissu 2011 hija inhatret bhala Manager (Naturalment Malti) fi hdan il-Ministeru tar-Rizorsi u Affarjiet Rurali (fol 59) permezz ta' kuntratt ta' sena estiz ghal sena ohra filwaqt illi fl-1 ta' Ottubru 2013, wara li 21 ta' Mejju 2013 hija giet mgharrfa li kellha tieqaf minn kull attivita' relatat mal-kuntratt taghha (fol 61), hija giet appuntata Manager Fisheries Control, wara illi kienet applikat ghal tali post u intghazlet wara illi kienet ghamlet interview.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi permezz sitt artikoli differenti kif ukoll editorjal illi dehru lkoll fuq il-gazzetta l-Orizzont, l-intimat, bhala editur tal-gazzetta, ghamel serje ta' allegazzjonijiet fil-konfront taz-zewgt rikorrenti, u partikolarment fil-konfront tar-rikorrenti Eleanor Ciantar, fejn allega ripetutament illi hija ggwadanjat f'kuntratti u sahra konsiderevoli in vista tal-fatt illi l-Permanent Secretary illi kien responsabbli ghal-Ministeru illi tahtu hija kienet taqa' kien attwalment ir-ragel taghha, ossija r-rikorrenti Christopher Ciantar.

Jirrizulta, di fatti, illi fit 3 ta' Mejju 2013, l-Onorevoli Carmelo Abela kien staqsa lill-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima Leo Brincat is-segwenti: (fol 65)

> *Jista' l-Ministru jwiegeb mistoqsija parlamentari 575 u cjoe: B'referenza ghar-risposti tal-mistoqsijiet parlamentari 26738 u 28661 tal-XI-il Legizlatura fejn kien gie kkonfermat li s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali approva li jsir, u finalment jithallas, ammont konsideroveli ta overtime u li jammonta ghal madwar €12,000 fuq medda ta' tliet snin biss lil persuna, li d-dettalji taghha qed jinghtaw separtament, jista' l-Ministru jghid x'kien l-ammont ta' overtime li thallas lil din il persuna fil-perijodu ta' bejn Gunju 2011 u Marzu 2013?*
>
> *Peress li kien hemm kunflitt car ta' interess fejn ufficjal pubbliku japprova li jsir u jithallas overtime lil din il-persuna u peress li minn dawn ir-risposti li kienu nghataw dak iz zmien is-Segretarju Permanenti ma rreferiex dawn it-talbiet lis-Segretarju Permanenti Principali ghall-approvazzjoni tieghu li b'hekk kien un evitat dan il-kunflitt ta' interess, x'passi dixxiplinarji ttiehdu jew se jittiehdu fil-konfront tal persuna kkoncernata?*
>
> *Jista' l-Ministru jghid jekk hux se jinvestiga kif taht it-tmexxija ta' dan is-Segretarju Permanenti, din il-persuna nghatat diversi promozzionijiet u sahansitra nholqot kariga gdida minnu stess, li t-titlu taghha qedjintbaghat ukoll separatament, biex b'hekk din il-persuna setghet tapplika, u finalment inghatat din il-kariga fi skala ferm ogh a minn dik li kellha?*
>
> *Jikkonferma jekk fl-ahhar xhur ta' qabel l-elezzioni, dan l-istess Segretarju Permanenti rega' holoq kariga gdida ohra fl-istess Ministeru li kien responsabbli tieghu, saru l-intervisti u din il persuna regghet giet l-ewwel fl-intervista?*

> *Peress li jidher li hemm lok ta' abbuz ta' poter mill-ex segretaru Permanenti, jista' jikkonferma jekk il Pulizija qattx kienet mitluba li tinvestiga, bhalma ghamlet ferm angas gravi minn dan meta mitluba mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali xi snin ilu?*

Jirrizulta illi l-Ministru kkoncernat, dakinhar, irrisponda "*Ngharraf lil Onor Interpellant li l-kaz qieghed jigi investigat.*"

Jirrizulta illi, dakinhar stess, ossija it 3 ta' Mejju 2013, l-intimat tella l-ewwel storja intitolata "**Il-Familja l-Ewwel**", fejn, filwaqt illi ghamel referenza ghad-domanda parlamentari fuq imsemmija fejn ismijiet ma ssemmewx, ghadda biex qal is-segwenti: (fol 4)

> *... allegati abbuzi mis-Segretarju Permanenti Chris Ciantar, li holoq kariga gdida, taha lil martu u fuq tliet snin approvalha €12,000 f'sahra.*
>
> *Hekk kif is-Segretarju Permanenti Chris Ciantar, li kien fil Ministeru mmexi minn George Pullicino, huwa wiehed minn dawk li ghadu ma tefax ir-rizenja tieghu, qed iqumu ghadd ta' mistoqsijiet dwar allegati abbuzi ta' poter minn dan l-istess Segretarju Permanenti. Il-kwistjoni spiccat ukoll fil-Parlament, fejn f'mistoqsija Parlamentari li saret intalbet informazzjoni dwar allegati abbuzi ta poter u x'passi hadet il Pulizija. Saru ukoll mistoqsijiet li jghidu x'passi ttiehdu jew se jittiehdu kontra l-allegati abbuzi.*
>
> *Il-kwistjoni kollha hi dwar il-fatt li l-mara tal-istess Segretarju Permanenti, Eleanor Ciantar, kienet spiccat maniger fl-istess ministeru li jahdem fih zewgha bhala Segretarju Permanenti. Fil-legizlatura li ghaddiet kien gie kkonfermat li Segretarju Permanenti Chris Ciantar kien approva li jsir, u finalment jithallas ammont konsidervoli ta' sahra u li dan kien ilahhaq ghal €12,000 fuq medda ta' tliet snin biss lill-mara tieghu stess.*
>
> *Issa, il-kaz rega' tqajjem fil-mistoqsijiet Parlamentari, fejn id-Deputat Laburista Carmelo Abela staqsa lill-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli Ambient u Tibdil fil-Klima, Leo Brincat, dwar kemm kien l ammont ta' sahra imhallas lill mara ta' Chris Ciantar fil periodu ta' bein Gunju 2011 u Marzu tas-sena 2013.*
>
> *ld-Deputat Laburista Carmelo Abela staqsa ukoll li "peress li kien hemm kunflitt car ta' interess fejn ufficial pubbliku a lijsir u tithallas is-sahra lill-mara tieghu stess un peress li minn dawn ir-risposti likienu nghataw dak iz-zmien is-Segretarju Permanenti ma rreferix dawn it- talbiet lis-Segretarju Permanenti Principali ghall-approvazzioni tieghu ub'hekk kien ikun evitat dan il-kunflitt ta' interess, x'passi dixxiplinarii ttiehdu jew se jittiehdu fil-konfront tal-persuna kkoncernata?"", staqsa Carmelo Abela.*
>
> *L-istess Deputat Laburista staqsa jekk il-Ministru Brincat hux se jinvestiga kif taht it-tmexxija ta' dan is-Segretarju Permanenti, il-mara tieghu nghatat diversi promozzjonijiet u sahansitra nholqot kariga gdida stess dik ta' Manager -Naturalment Malti), biex b'hekk il-mara tieghu setghet tapplika u finalment inghatat din il-kariga fi skala ferm oghla minn dik li kellha.*
>
> *Id-Deputat Laburista Carmelo Abela talab lil-Ministru Brincat jikkonferma jekk fl ahhar xhur ta' qabel l-elezzjoni, dan l-istess segretarju permanenti regax holoq kariga gdida ohra fl istess ministeru likien responsabbli tieghu, jekk sarux intervisti u jekk il-mara tieghu regghet fl-ewwel fl-intervista.*

*Carmelo Abela fil-mistoqsija tieghu qal ukoll li "peress li jidher li hemm lok ta' abbuz ta' poter mis-segretarju permanenti, jista' jikkonferma jekk il-Pulizija qattx kienet mitluba li timvestiga bhalmaghamlet f'kaz ferm angas gravi minn dan meta mituba mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokalixi snin ilu?"*

*Il-Ministru Leo Brincat, fit-twegiba ghal-mistoqsijiet tad-Deputat Laburista Abela ghal lit-twegiba se tinghata fxi seduta ohra.*

Jirrizulta illi fid-9 ta' Mejju 2013, missier ir-rikorrenti Eleanor Ciantar, ossija Oliver Paul Vassallo, kiteb ittra fil-gazzetta l-Orizzont, fejn ilmenta dwar l-artikolu fuq imsemmi u ta' il-verzjoni tieghu tal-fatti kkoncernanti r-rikorrenti bintu, filwaqt illi fl-ahhar ghalaq billi qal is-segwenti: (fol 5)

*Sur Editur,*

*Nitolbok tippermettili ftit spazju biex nuri fehemti dwar l-istoria fil-pagna ta' quddiem ta' l-orizzont ta' nhar il Gimgha, 3 ta' Meiju, 2013, taht ir-ras "Il-familia l-ewwel' fejn qieghed tirreferi ghal "allegati abbuzi mis-Segretariu Permanenti Chris Ciantar li holoq kanriga gdida, taha lil martu u fuq tliet snin approvalha €12.000 f'sahra" Qabel xejn inrid nistgarr li l-persuna femminili bl-isem ta' Eleanor li tissemma fl-istorja hija binti, imma xorta wahda se nipprova nkun kemm jista jkun oggettiv fil-kummenti tieghi.*

*L-ewwel nett ill-holqien ta kariga gdida moghtija lil mart Chris Ciantar. Tajjeb li tkun taf li hadd fis-settur pubbliku ma jista' johloq dwar kariga u jaghtiha lil xi hadd minghajr ma jikkonfroma mal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-holqien ta' karigi pubblici u jimxi mal-proceduri stabbiliti mill-Kummissjon ghas-Servizz Pubbliku. Kif qieghed jinghad f-istorija tieghek u fil-mistoqsija parlamentari, wiehed jisthajjel li din il-kariga nghatat qisu fuq platt bhal meta inghatat ir-ras maqtugha ta San Gwann Battista lil Salome. Nista nassikurak li fil-kaz tal-kariga ta' Maniger Naturalment Malti, ghalkemm qatt ma rajt id-dokumenti ufficiali, gew segwiti l-proceduri kollha kif stabbiliti fir-regolamenti tal-Gvem.*

*Rigward l-ghazla binti Eleanor ghal din il-kariga wara li saret sejha ghall-applikazzjonijiet u intervisti minn bord ta' ghazla indipendenti ma ghandix dubju li din saret fuq bazi ta' mertu u kwalifiki u mhux ghax tigi mart is Segretarju Permanenti! Langas ghax tilghaq! Hija gradwata tal-Universita u kisbet diploma jew certifikat fl-kitba tal-Malti li jserviha taijeb hafna ll bhala editur tal-perjodiku "Biedja u Sajd" mahrug mill-Ministeru tal-Biedja u Affarijiet Rurali.*

*Hi kienet tippresenta programmi fuq ir-Radju Nazzionali kif ukoll tipprezenta fi programm relatat mal-agrikoltura fuq stazzjon lokali tat-television (One TV) (One TV) li jippromwovu l-prodott u l-konsum Malti, skont politika nazzionali ta' dan il-gvem u ta' qablu.*

*Il-hin tal ufficcju u tas-sahra tiddedikah kollu kemm hu ghall-promozzjoni tal-prodott agrikolu Malti kif mittlub mill-kariga taghha u mhux biex tmexxi xi "business on the side" ghall-interess personali taghha jew ta' zewgha! Certament li mhix xi idjota jew imbecilli jew, aghar minn hekk, xi kriminal li xi hadd refaghha minn xagharha ghax ma tiswiex karlin!*

*Imbaghad x'inhuma dawn il-hafna promozzionijiet li hadet? Eleanor ilha mal-Gvem xi 20 sena, u hadet promozzioni bhalma hadu mijiet ohrajn fis-Servizz Civili wara ezami jew xi ftehim kollettiv. Nittama li wiehed ma ppretendix li ghandha tibqa kkakkmata fil-*

*grad li dahlet fih mal-gvem ghax r-ragel taghha huwa (jew kien) is-Segretarju Permanenti.*

*Sur Editur, mhux fl-istil tieghi jew tal-membri tal-familja jew tar-razza u r-radika tieghi li nogoghdu niddandnu u niftahru b'rixna. Anzi bil-kontra, aktarx nintefghu lura zzejjed, bhalma kien ihobb jaghmel missieri! Imma mbaghad ma niddejqux naghtu biz-zewg lil min jipprova jghaddasna. "l isfel min htija u bla ebda raguni! Inroddlok hajr tall-ispazju li tajtni.*

Jirrizulta illi ghal dina l-ittra, l-intimat ghamel Nota Editorjali fl-ahhar fejn qal is-segwenti:

*ll-fehma u s-sentimenti tas-Sur Vassallo, bhala missier, nistghu facilment nifhmuhom. L-istess, jekk mhux aktar, nifhmu l-frustrazzjoni ta' missier ta' familja, li bil-maqlub, ma kellux tali opportunitajiet, anke jekk forsi kien jisthoqqlu, u taht l-istess Gvem Nazzjonalista, mhux biss ma rcieva l-ebda sahra, jew ma kellu l-ebda parentela li tista' timbottah, izda kien obbligat jahdem fil-prekarjat.*

Jirrizulta illi dakinhar stess, l-intimat tella storja wkoll fuq l-istess fatti intitolata “Il-kaz tas-Segretarju Permanenti investigat”, fejn, ghal darba ohra, l-intimat reggha irrepeta l-fatti kollha gia imsemmija fl-artikolu tat 3 ta’ Mejju 2013. (fol 6)

Jirrizulta illi sussegwentement, fil 11 ta’ Mejju 2013, l-intimat tella storja ohra, din id-darba intitolata “**Chris Ciantar u l-impjieg ta’ martu mal-Gvern. Hallsulha wkoll kors bil-barka ta’ zewgha**”, liema artikolu kien jghid is-segwenti:

*FI-ahhar gimghat kienu diversi l-artikli u mistogsijiet parlamentari dwar allegati abbuzi ta poter Chris Ciantar, kien is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, liema allegazzjonijiet jinkludu l-hlas konsiderevoli ta’ €12,000 f’sahra lill-mara tieghu. Nifhmu li anke l-fatt li l-mara tieghu kienet impjeghata fl-istess miisterum fejn allegatament inghatat diversi promozzionijiet u sahansitra kiemet inholgot kariga gdida ta maniger apposta ghaliha, issa ged ikun investigat.*

*L-orizzont segwa dan il-kaz mill-qrib u bhal lum gimgha ppubblikajna artikolu taht it-titolu “l-Familja Ewwel". Ghal dan ir-rapport, wiegeb Oliver Paul Vassallo li huwa missier il-mara ta' Chris Ciantar.*

*Fl-ittra tieghu lil dan il-gurnal Vassallo kiteb hekk "Rigward l-ghazla ta’ binti Eleanor ghal din il-kariga wara li saret sejha ghall-applikazzjoni u intervisti minn bord ta ghazla indipedenti, ma ghandix dubju li din saret fuq bazi ta’ meritu u kwalifiki u mhux ghax tigi mart is-Segretarju Permanenti. Langas ghax tilghaq! Hija gradwata tal-Universita ta Malta u kisbet diploma jew fil-kitba tal-Malti li jserviha tajjeb hafna wkoll bhala editur tal-perjodiku “Biedja u Sajd" mahrug mill-Ministeru tal-Biedja u Affarijiet Rurali”.*

*L-imkeijen taghna qalulna li Vassallo izda nesa jghid bicca, jew forsi ghazel din l-informazzjoni barra konvenjentement. Ghax anke dan l-imbierek certifikat, bintu gabitu minn fuq dahar il-Wasteserv dejjem bil-barka ta' zewgha.*

*Fil-fatt, il kors li ghamlet bintu gis sponsorjat mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u kien approvat mir-ragel taghha stess, Dan gie jiswa lill-Ministeru €400.*

*L-orizzont ikkonferma dan minn stharrig li ghamilna u kkonfermajna kif dan kollu kien diga sar maghruf pubblikament minn mistoqsija parlamentari li kien ghamel Leo Brincat, dak iz zmien Deputat tal-Oppozizzioni, f'Gunju tal-2011.*

*"U zgur li jserviha tajjeb hafna aktar u aktar meta dan thallas mill-kaxxa ta' Malta peress li approvat mir-ragel taghha stess," ziedu l-imkeijen taghna.*

*Intant, Leo Brincat li llum huwa mill-Ministeru ghall Sostenibbli, Ambient u Tibdil fil-Klima, din il-gimgha kkonferma fil-Parlament li kaz ta' Chris Ciantar u mara tieghu qed ikun investigat. Din il-konferma nghatat fi twegiba ghal mistoqsija parlamentari li saritlu mid-Deputat Laburista Carmelo Abela.*

*Il-kwistjoni kollha f'dan il-kaz iddur mal-fatt li Eleanor Ciantar, kienet spiccat maniger fl-istess ministeru li kien jahdem fih zewgha bhala Segretarju Permanenti. Fil-legizlatura li ghaddiet kien gie kkonfermat lis-Segretarju Permanenti Chris Ciantar kien approva li jsir, u finalment jithallas ammont konsidervoli ta' sahra u li dan kien jlahhaq ghal €12,000 fuq medda ta' tliet snin biss lill-martu stess.*

*Meta jinhatar il-bord tal-ghazla, l-approvazzjoni tal-membri normalment issir mis-Segretarju Permanenti qabel ma jintbaghtu l-ismijiet lill Kummissioni dwar is-Servizz Pubbliku. Nistagsu jekk f'dan il-kaz is-Segretarju Permanenti halliex f'idejn is-Segretarju Permanenti Principali jew le sabiex ikun evitat kunflitt ta' interess car? Minn informazzjoni li ghandna jidher li ma sarx hekk u kien ir-ragel taghha stess li ghazel il-membri ta' dan il-bord.*

*Ta min ifakkar li Chris Ciantar kien wiehed minn zewgt Segretarji Permanenti li bagghu ma offrewx ir-rizenja taghhom wara li nbidel il Gvern.*

Jirrizulta illi fit 18 ta' Mejju 2013 reggha tella storja ohra, intitolat "**Thallset €12,891 f'sahra fis-sena elettorali …. spiss kienet tidhol tard ghax-xoghol u jekk taqbez il-hin normali tiddikjarah 'extra'**" fejn intqal is-segwenti:

*L-iskandlu li jinvolvi b'mod dirett lil Chris Ciantar, is-Segretarju Permanenti fi-Ministeru ta George Pullicino fl-ahhar legislatura fejn ivvinta kariga ta' maniger ghal Eleanor u sahansitra approva li din tinghata eluf kbar ta ewro f'sahra, jidher li fadallu x'johrog fi-pubbliku.*

*Filwaqt li huwa maghruf li ghaddeija inkjesta bhalissa f'dan ir-rigward, taghrif gdid li kiseb l-orizzont jindika li hemm hafna aktar mit €12,000 sahra fuq tliet snin li akkwistat mart is-Segretarju Permanenti.*

*Sorsi li hadmu qrib l-eks-Ministru Nazzjonalista Pullicino zvelaw li "kumbinazzjoni" l-hlasijiet approvati lil Eleanor Ciantar zdiedu bil-goff fl-ahhar sena qabel l-elezzjoni generali, specifikament mill-perjodu bejn Jannar tal-2012, meta diga, kien qed iberraq fuq il-Gvern immexxi minn Dr Lawrence Gonzi, u Marzu 2013, meta spiccat biex issejhet l-elezzjoni. Fil fatt dak li gie approvat lilha minn zewgha stess bejn l-2008 u nofs l-2011, kif anke johrog minn mistogsijiet Parlamentari fl-ahhar legizlatura, inghatalha kollu u aktar f dan il-perjodu. B'hekk tul l-ahhar legizlatura hi rceviet il-hlas ta' ftit inqas minn €25,000 kollha kemm huma f'sahra biss.*

*Aghar minn hekk is-sorsi jtennu li minkeija li l-hin tax-xoghol taghha suppost kien mis-7.00am sal-4.00pm, is-Sinjura Ciantar spiss kienet tasal ghax-xoghol ghall-habta ta'*

*nofsinhar, imma tiffirma li dahlet fis-7.00 a m., u kemm-il darba taqbez il-hin normali kienet tiddikjarah daqslikieku kien overtajm.*

*"Ma' dan jizdiedu wkoll ftit aktar minn €13,000 li gew approvati lilha bhala beneficiu tas-safar ... u fejn kienet issiefer hadd ma jaf," insistew is-sorsi.*

*Kien id-Deputat Laburista Carmelo Abela li f'mistoqsija Parlamentari (575) nhar it-23 ta' April li ghadda zvela l-ewwel darba s-somma global ta' €12,000 sahra fuq perjodu ta' tliet snin lil Eleanor Ciantar, Maniger Naturalment Malti fl-eks-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rural. Hu ghamel dan waqt li staqsa Ministru Brincat x'kien il-hlas totali f'sahra lil mart Chris Ciantar ghall-periodu bejn Gunju 2011 u Marzu 2013. Hu kien ged jrreferi ghal mistoqsijiet Parlamentari (26738 u 28661) fil legizlatura precedenti li saru mill-istess Brincat dak iz-zmien mill-Oppozizzjoni u gew imwegbin mill-Ministru Pullicino.*

*Dak iz-zmien kien inghata rendikont tal-hlasijiet f'sahra kull erba' gimghat bejn il-perjodi ta' Jannar 2008 u Dicembru 2009 u Jannar 2010 u Gunju 2011, ghal total ta' ftit inqas minna €12,000.*

*Dan il-gurnal illum jista' jizvela d-dettalji tal-hlasijiet li saru minn Jannar 2012 sa xahrejn ilu, Marzu 2013. Iz-zieda fir-ritmu u anke l-ammont tal-istess pagamenti, meta mqabblin mal-listi li kien ippubblika l-eks-Ministru Pullicino, hi sinjifikanti.*

*Minbarra s-Sinjura Ciantar, f'dan l-ahhar periodu kienet qieghda taqlaghha sew ukoll Angela Portelli, Principal Officer, li wkoll hadet €12,837. Jirrizulta li hemm periodu ta' sitt xhur li mhux maghruf jekk gewx approvati aktar fleijes pubblici abbundanti mis-segretaru Permanenti lil martu.*

*Ezatt bhal-lum gimgha dan stess gurnal fakkar ukoll kif il-Ministeru ta' Pullicino kien hallas €400 ghal kors Universitariu (Qari ta-Provi Malti) li ghamlet 1-istess Eleanor Ciantar wara ittra indirizzata lill ta' dan il-gumal minn missierhan Oliver Paul Vassallo, b'reazzjoni ghall-istorja "Il-familja I-ewwel" ippubblikat nhar it-3 Mejju li ghadda. Fl-ittra, li giet ukoll ippubblikata f dan gurnal, Vassallo tenna, fost ohrajn, li hu m ghandux dubju "li l-kariga nghatatilha fuq bazi ta' meritu u kwalifiki u mhux ghax tigi mart is-Segretarju Permanenti. Langas ghax tilghaq! Hija gradwata tal-Universita ta Malta u kisbet diploma jew fil-kitba tal-Malti li jserviha tajjeb hafna wkoll bhala editur tal-perjodiku "Biedja u Sajd" mahrug mill-Ministeru tal-Biedja u Affarijiet Rurali"*

*Analisti politici esprimew l-istaghgib taghhom kif l-eks-Ministru Nazzjonalista Pullicino li kien fuq kollox politikament responsabbli minn dan kollu, ghadu ma fetahx halqu*

Dakinhar ittella wkoll editorjal ititolat "**Il-Familja u mhux biss**", fejn intqal is-segwenti:

*IL KULTURA ta' hnizrijiet li l-Partit Nazzjonalista rawwem ma saqajna fuq perjodu ta' nofs seklu kienet biss wasslet attitudinijiet ta' arroganza bla tmiem, daqsliktieku ma kien hemm xejn hazin wara kull irregolarita li kienet qieghda ssir, izda llum protagonisti Nazzjonalisti jahsbu li kellhom dritt divin u esklussiv ghal vit miftuh tal-fondi pubblici. Fl-ahhar disa' snin, taht it-tmexxija bazwija ta' Dr Lawrence Gonzi fejn aktarx intlahget il-quccata b'oligarkija nazzjonali, tali anarkija finanzjarja kompliet tinghata aktar rih fil-qala... anke meta newlulu x-xettru f'idejh, dan tal-ahhar kien wieghed xejn ingas minn stil gdid ta' tmexxija minn dik tal-predecessur tieghu Dr Eddie din Fenech Adami!*

*Ironikament, l-istess diskors - jew kwazi -qed jerga jinghad illum mill-Kap il-gdid, Dr Simon Busuttil, bid-differenza li id-darba (fortunatament ghalina ghal pajjizna!) il-PN lahaq tkaxkar fl-Opposizzjoni, ghax kieku ara fejn setghu jwassluna hames snin ohrajn ma' GonziPN, li ghogbu biss iressaqna lejn xifer l-irdum.*

*L-iskandlu tas-Segretarju Permanenti Chris Ciantar fil-Ministeru mmexxi minn George Pullicino, li fil-bidu ta' dan ix-xahar skoprejna kif kien sfaccatament jabbuza regolarment mill-poter biex jagevola lil martu stess l-ewwel wahda, izda mhux biss, hu propriu l-ezempju klassiku tal-livell ta' arroganza li forsi kien wasslet biex tisplodi l-merkurju tat-temperatura. Kif qeghdin nizvelaw b mod esklussiv illum, Gverm gdid Laburista jrid jogghod b seba' mitt ghajn miftuhin ghal dawk lighadhom ma hadux il-lezzjoni elettorali u minn gewwa stess, bl-akbar tostagni, xorta qeghdin johorgulu saqajhom il-hin kollu. Wara li baqa jirrifiuta li jirrizenja mill-kariga li kellu fic-Civil u anke martu bagghet tokkupa l-kariga ta' maniger, li kien holqilha apposta b'salariu u perkacci fenomenali, ghamel sew il-Ministru attwali Leo Brincat li jsejjah inkjesta kif jixraq. Ma nehduhiex bi kbira, langas, li xorta jkun hemm min jipprova jizvija lill-investigaturi, forsi billi jipprovaw ma jghaddux it-taghrif shih kif mitlub halli jiddefendu l-gieh u l-unur, jekk fadal, ta' "habib". U ladarba b'dak il-"ftit" li Ministru Brincat kellu diga f'idejh l-ewwel darba kien hemm diga bizzeijed, anzi zzejjed, provi biex kaz jigi investigat, nistennew li llum jitqaijem infern shih bit-taghrif gdid li qed darba nesponu f din l-istess harga.*

*Minbarra li konvinti li kemm Ciantar, martu u kull min jazzarda jostakola l-investigazzjonijiet li qed isiru ghandhom jigu sospizi immedjatament minn xogholhom u jibdew minnufih proceduri interni kif jixraq, l-eks-Ministru Pullicino, li rega' jinsab fil-Parlament u llum huwa wkoll Kelliem Ewlieni tal-PN, jehtieg jerfa' r-responsabbilta kollha politika ghal din il-hnizrija, li kienet bagghet ghaddejja s-snin taht imniehru. Nippretendu li xi hadd jwiegeb ghal ghemilu f'din il-bicca. Anzi ghandu juri wkoll ftit irgulija u jced s-siggu li rega giq misluff lilu fl-ahhar elezzjoni!*

*B'hekk biss nimmaginaw tista ssir gustizzia mal Poplu Malti u Ghawdxi ... ghax fuq kollox "Malta Taghna Lkoll" u mhux taghhom biss!*

Jirrizulta illi fit-28 ta' Mejju 2013, ghal domanda Parlamentari 1863 illi saret mill-Onorevoli Carmelo Abela fejn qal: (fol 64)

*B'referenza ghall-mistoqsija parlament 1183, jista' l-Ministru jghid fiex waslu l-investigazzjonijiet ghal xiex huwa dovut dan id-dewmien?*

Il-Ministru Leo Brincat wieheb kif gej:

*Filwaqt li napprezza l-interess tal-Onorevoli kollega, nista' nassigurak li m'hemm l-ebda dewmien mhux iggustifikat dwar l-investigazzioni. Id-dewmien huwa dovut biss ghal fatt li hijax-xewqa tal Ministeru li kull investigazzjoni ssir fil-fond u b mod l-aktar professionali u dettaljat minflok ma jaghmel xoghol tal-ghaggla. Il Kamra ser tkun aggornata fil-mument opportun.*

Dakinhar, it-28 ta' Mejju 2013, l-istess gazzetta tellghet storja ohra, intitolata '**L-Infieq "Sfieq**" ', fejn, flimkien ma' ritratt tar-rikorrenti Eleonor Ciantar, intqal is-segwenti:

*L-iskandli ta Eleanor Ciantar fil-Ministeru fejn zewgha kien is-Segretarju Permanenti.*

*…. tellghet kont ta' €56,450, inkluz 'stand' li gie jiswa mal-€40,000, ghall-Fiera ITB f'Marzu minghajr approvazzjoni minn qabel!.*
*Eleanor Ciantar, il Maniger ta' "Naturalment Malti" u mart is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta George Pullicino li kienet tahtu wkoll nefqet is-somma ta xejn ingas minn €56,450 lejliet l-ahhar Elezzjoni Generali minghajr langas biss ma kellha l-approvazzjoni minn qabel biex taghmel dan, sahqu sorsi qrib l-eks-Ministru ewlieni Nazzjonalista.*

*Is Sinjura Ciantar, li bis-sahha tal-pozizzjoni gholja li kellu zewgha fil Ministeru nholqitilha kariga li qatt ma kienet tezisti qabel u li spiccat ukoll tirrendilha kwazi €25,000 f'sahra biss, apparti l-paga abbundanti, injorat ghal kollox il-proceduri u l-prassi fl-infieq ta' fondi pubblici biex tiehu sehem bi prodotti Maltin waqt il-fiera prestiggiuza f'Berlin, il-Germanja, l-ITB. Lis- stand Malti wahdu f'din il-fiera internazzjonali, li saret mill 5 sad-9 ta Marzu, gie jiswa €39,600. Minbarra li s-'stand' innifsu u ispiza biex dan ittella' (€29,749) huma meqjusin bhala fenomenali, tezisti cirkolari ffirmata minn Anna Debattista, Direttur Generali fl-istess Ministeru ta' Pullicino, li "hadd ma jista jaghmel impenji (commitments') finanziarii minghajr ma jkollu l-approvazzjoni qabel" u allura kull ricevuta tigi pprezentata wara ma tithallasx.*

*Dan, izda, ma kienx kaz ghal Ciantar li xorta qabdet u telghet il-Germanja, minghajr tali approvazzjoni u anke jekk giet ordnata biex tirritorna immediatament fMalta, b'xi mod il-barka nharget waqt li hi kienet prezenti ghall-fiera. Fost l-ispejjez li swiet din il-partecipazzjoni fill-Germanja hemm trasport l hemm u "l hawn tal-oggetti relatati... ftit ingas minn €13,000.*

*Kien l-orizzont stess li nhar il-Gimgha, 3 ta' Meiju, zvela esklussivament kif is-Segretarju Permanenti ta' Pullicino kien ivvinta l-kariga ta' maniger fl-istess ministeru tieghu biex tinghata lil martu b'paga u perkacci goffi u sahansitra approvalha eluf kbar ta' ewro f'sahra. F'artiklu separat nhar is-Sibt, 18 ta' Mejju, kien gie zvelat ghal darb ohra b'mod esklussiv li, minbarra l-paga u l-beneficcji ohrajn relatati, Chris Ciantar approva kwazi €25,000 f'sahra lil martu fuq periodu ta' 18-il xahar biss fl-ahhar legizlatura. Dakinhar hareg ukoll kif il-Ministeru ta Pullicino kien hallas €400 ghal kors Universitarju (Qari tal Provi tal-Malti) li ghamlet l-istess Eleanor Ciantar.*

*L-ahbarijiet mhux michudin u wisq inqas ikkontestati  kienu jinkludu wkoll il-fatt li s-Sinjura Ciantar spiss kienet tidhol ghax-xoghol mal-hames sieghat tard (ghall ta' 12.00 p.m.) u kif taqbez il-hin tal-4.00 p.m. - x'hin supp tispicca - kienet tiddikjara l-overtajm. €13,000 mis-sahra kollha taghha thallsu lill fi ahhar sena qabel l-elezzjoni generali li ghaddiet, waqt li s-sorsi taghna tennew ukoll li mart is-Segretaru Permanenti rceviet mat-€13,000 f'beneficju ghal safar, anke jekk "fejn kienet issiefer hadd ma jaf". Jirrizulta li hemm periodu ta' sitt xhur bejn Lulju u Dicembru 2011 li mhux maghruf jekk gewx approvati aktar flejjes pubblici f'sahra lil Eleanor Ciantar. Chris Ciantar kien wiehed minna zewg Segretarji Permanenti li baqghu jirrifiutaw li jrrizenjaw appena nbidel il-Gvern f'Marzu li ghadda, u filwaqt li fl-ahhar gimghat fi-Ministeru Nazzjonalista Eleanor bagghet xorta tirrapporta normali "Mhux maghruf min jew x'qieghed izomm lill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (Psc) milli ssejjah lill-koppja Ciantar halli tinterrogahom," tenna s-sors qrib l eks-Ministru Pullicino. Kien grazzi ghal mistoqsija Parlamentari (575) tad-Deputat Laburista Carmelo Abela lill-Ministru Leo Brincat nhar it-23 t'April fejn gew enfasizzati l-abbuzi fl-eks Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali. L-eks-Ministru Nazzjonalista George Pullicino, li fuq kollox kien politikament responsabbli ghal dan kollu, ghadu sal-lum ma fetahx halqu*

Jirrizulta illi fl-10 ta' Lulju 2013, fuq domanda tal-Onorevoli Abela Nru 2750 fejn staqsa: (fol 63)

> *B'referenza ghall-mistoqsija parlamentari 1863, jista l-Miistru jghid f'xiex waslu l-investigazzjonjiet u meta huwa mahsub li tkun lesta"*

Il-Ministru irrisponda billi qal,

> *Ngharraf lill-Onor Interpellant illi m'ghandi xejn xi nzid ghalissa mar-risposta li nghatat ghall-mistoqsija 1863.*

Jirrizulta illi fit 2 ta' Awissu 2013 inkiteb l-ahhar artikolu dwar ir-rikorrenti, fejn, taht it-titolu "**L-ahhar cejca?**" inqtal is-segwenti:

> *... lejliet l-elezzioni s-Segretarju Permanenti tal-Ministru Pullicino mbotta 'direct order' lil-kumpanija tai-kugin ta' Austin Gatt ghal xoghol li seta' jsir mill-haddiema tal-Gvern.*
>
> *Disat ijiem biss qabel I-ahhar elezzioni generali Chris Ciantar, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali George Pullicino, imbotta biex jinghata 'direct order' ta' aktar minn €6,600 lill-kumpanija Aurelia Ltd ta' Peter Formosa, kugin ta' Austin Gatt. F'imejl li l-orizzont ra kopja taghha, Ciantar jghid "eija mmexu" b'referenza ghal dan il-kuntratt ta' xoghol, li seta jsir facilment mill-haddiema tal-Gvern. Filwaqt li jirrizulta li d- 'direct order' issa thassret mill-Gvern il gdid, hu mahsub li kuntratt seta gie estiz bil-goff ghall-valur ta' madwar €300,000 kemm-il darba gie elett il-PN.*
>
> *Sorsi li tkellmu ma dan il-gumal jghidu li fit-28 ta' Frar li ghadda Ciantar heggeg li Aurelia Ltd tinghata xoghol b'"direct order" biex, fost ohrajn, ittejjeb is- software, theiji rapporti kull gimgha u timmaniggja d-dhul u l-hrug tal-haddiema fil-Building Regulation Office (BRO) fi hdan l-istess Ministeru ta' Pullicino. Jirrizulta li Formosa jmexxi wkoll il JF Security, li b'direct order" iehor inghatat l-estensjoni ta' kuntratt ghal servizzi ta sigurta mill-Wasteserv b'valur ta' €28 miliun, fuq il-€1 miljun kif stabbilit fil-kuntratt originali, meta I-din tal-ahhar kienet taghmel parti mid-dekasteru ta' Pullicino.*
>
> *Skont l-Att dwar ir-Regolamentazzioni tal-Bini, i-BRO ghandu mandat specifiku biex jaghmel xoghol ta' sorvelianza minn meta jinbeda xoghol ta' kostruzzioni kemm li jkun tiela fuq art mhux zviluppata kif ukoll fi progetti ta estenzjonijiet jew anke riabilitazzioni. Sorsi qrib l-eks-Ministru Pullicino jghidu li Ciantar ried li jdahhal terzi jaghmlu dan ix-xoghol, meta seta facilment sar bin-nies tal-Gvern u kienu jigu ffrankati l-eluf minn fondi pubblici, filwaqt li mhux eskluz li kieku l-PN rega' gie fdat bil-poter, dan il-kuntratt kellu jigi estiz b'minimu ta' €300,000, izjed minn 45 darba aktar il valur originali.*
>
> *Din il kwistjoni bdiet meta l-Gvern, immexxi minn Lawrence Gonzi, kien diga sfiducjat fil-Parlament u minkeija li konna fuq l-ghatba ta elezzjoni generali, fis 27 ta' Dicembru li ghadda Ciantar ta' struzzjonjiet biex jitmexxa l-process fuq id-direct order wara konferma li l-kumpanija Aurelia Ltd setghet toffri s-servizzi mitlubin, gimgha qabel.*
>
> *Dak iz-zmien jirrizultalna li bhala Kap tal-BRO kien hemm certu William David Richardson, Ingliz li wara 13-il jum biss fil-hatra kellu jitnehha, anke approvat mill-*

*Kummissjoni ghas_Servizz Pubbliku u l-Kap tac-Civil Godwin Grima. Ir-raguni ewlenija kienet li la jaf jiktellem u lanqas jaqra bil-Malti. Il-bord tal-intervisti li ghazlu kien ippresedut minn Ciantar stess u mieghu kien hem id-Direttur Generali tat-Tagsima tax-xoghlijiet Pubblici Ray Farrugia u eks-President tal Azzjoni Kattolika Joyce Pullicino.*

*Mit-taghrif li jirrizultalna, il Kap tal-BRO kien jidhol ix-xoghol lejn tmiem is sena l-ohra u jibqa b'halqu miftuh fi-laqghat waqt kulhadd tieghu jitkellem bi-Malti jew inkella meta jmur xi hadd fuqu biex ikellmu kien jitolbu jkellmu bi Ingliz biex jifhmu. Il kuntratt tieghu mbaghad gie mhassar.*

*Wara l-elezzjoni, wahda mill-ewwel decizionijiet tal Kap il-gdid tal BRO, Michael Ferry, kienet li jhassar id-direct order ll Aurelia Ltd.*

*Waqt li kienet qieghda tittihed tali azzjoni, irrizulta li l-eks-Ministru Pullicino ressaq ghadd ta' mistoqsijiet Parlamentari lill-Ministru Joe Mizzi, li tahtu jaga istess BRO, mhux biss dwar stess ufficjju nnifsu, izda wkoll dwar liil-hatra tal-istess Ferry.*

*Kien dan il-gurnal ukol li ftit tal-gimghat ilu ppubblika skandli li twettqu mis-Segretarju Permanenti fuq holqien ta' pozizzjoni ta' maniger li inghatat lil martu Eleanor Ciantar b paga u perkacci goffi u anke €25,000 f'sahra fuq periodu ta' 18-il xahar, inkluz fi granet fejn tidhol tard ghax-xoghol.*

*€13,000 minn din is-sahra thallsu lilha fl-ahhar sena qabel l-elezzjoni ghaddiet.*

*Jinghad li l-istess Sinjura Ciantar ukoli "kellha bizzejjed arja biex tonfoq xejn inqas minn €56.450 lejliet l-ahhar elezzjoni, minghajr lanqas approvazzioni minn qabel". Hi fil fatt injorat ghal kollox il-proceduri u l-prassi fl-infieq ta' fondi pubblici biex tiehu sehem bi prodotti lokali waqt il-fiera prestiggjuza ITB, fil-Germanja. Lis-stand' Malti wahdu f'din il-fiera li saret mill 5 sad-9 li ghadda gie jiswa €39.600. Dak iz-zmien kienet diga tezisti cirkolari, iffirmata minn Anna Debattista, Direttur Generali fl-istess Ministeru ta' Pullicino, li "hadd ma jista jaghmel impenji (commitments ) finanzjarji bla ma jkollu approvazzjoni qabel.*

*Dak iz-Zmien dan il-gurnal zvela wkoll kif il Ministeru ta' Pullicino kien hallas €400 ghal kors Universitarju (Qari tal_provi tal-Malti) li ghamlet l-istess mara ta' Chris Ciantar.*

*Dwar dawn il-kazi u aktar, f'Gunju li ghadda Chris u Eleanor Ciantar fethu protest gudizziaru kontra l-Orizzont biex b'mod immedjat titwaqqaf kull pubblikazzjoni ohra b'allegazzjonijiet foloz fil-konfront taghhom.*

Jirrizulta illi dana kien l-ahhar artikolu li jidher li nkiteb mill-intimat dwar ir-rikorrenti.

Jirrizulta illi fil-21 ta' Ottubru 2013, fuq domanda Nru 5076 illi ghamel l-Onorevoli Carmelo Abela fejn staqsa

*Jista' l-Ministru jwiegeb mistoqsija parlamentari 2750 u cjoe: Breferenza ghall-mistoqsija parlamentari 1863, jista' l-Ministru jghid fiex waslu investigazzjonijiet u meta huwa mahsub li jkunu lesti?*

Il-Ministru Leo Brincat irrisponda kif gej:

*Ngharraf lill-Onor. Interpellant li wara li ddiskutejt l mas-Segretarju Permanenti tieghi l-uniku parir li nghatajt kien li l-kaz ghandu jieqaf hawn.*

Jirrizulta illi b'dina l-ahhar risposta, il-qarrejja tal-gazzetta li taghha l-intimat kien editur qatt ma gew mgharrfa u ma jidhirx illi gie mitkub xi artikolu u/jew editorjal dwar dina l-ahhar risposta.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi, fid-difiza tieghu, l-intimat ikkontenda illi huwa kellu d-dmir illi jzomm lill qarrejja tieghu mgharrfa b'dak kollu li jkun ghaddej fil-hajja pubblika u dak li kiteb kien taghrif li kien ta' interess pubbliku u ghalhekk ma kien hemm ebda dell ta' animus inguriadni da' parte tal-intimat li, del resto, sahaq li dejjem halla l-gurnal tieghu miftuh ghal kull ma riedu jwasslu r-rikorrenti lill-qarrejja.

Il-Qorti thoss illi qabel ma tgharbel tali difiza mal-provi prodotti quddiemha, kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-intimat, ikun opportun illi jigu kkunsidrat certi aspetti legali tad-difiza mqajjma mill-intimat.

## Ikkunsidrat

Ghandu jinghad, l-ewwel u qabel kollox, illi kemm ir-rikorrenti Eleanor Ciantar, kif ukoll Christopher Ciantar, kienu t-tnejn li huma impjegati tas-servizz pubbliku, fejn Eleanor Ciantar kellha responsabbilta' ta' Manager ta' programm tal-Gvern filwaqt illi Christopher Ciantar kellu l-kariga ta' Segretarju Permanenti fi hdan Ministeru.

Ghaldaqstant, in linea ma' dak li qalet il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Voronezhe**,

*….. civil servants acting in an official capacity are, similarly to politicians albeit not to the same extent, subject to wider limits of acceptable criticism than a private individual (see, mutatis mutandis, Janowski v. Poland [GC], no. 25716/94, § 33, ECHR 1999-I).*

Dana qieghed jinghad ghax il-livell ta' kritika illi setghet issir lir-rikorrenti, fil-kariga ufficjali taghhom setghet tkun oghla minn dik ta' individwu privat, izda certament ma tistax tkun gholja daqs dik ta' persuna politika illi huwa suggett ghall-livell ta' kritika ferm oghla.

Kif intqal fis-sentenza **Ligens vs Austria**, mhaddna mill-Qorti Maltin ukoll:-

*Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree*

> *of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Mill-banda l-ohra, madanakollu, kif qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza **Fresos & Roire vs France**

> *"the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities."*

Dwar id-difiza li qieghed iqajjem l-intimat, ossija fejn qieghed jappella ghad-dritt tal-liberta ta' l-espressjoni w id-dritt tal-gurnalist illi huwa kellu, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijet **Axel Springer AG vs Germany** deciza fis-7 ta' Frar 2012, fejn intqal is-segwenti:

> *78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly*
>
> *79. The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog"*

L-istess Qorti tkompli tghid:

> *81. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71). Furthermore, it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted in a particular case.*

Din il-Qorti, madanakollu, tosserva illi r-rwol importanti tal-gurnalist u d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, madanakollu, ghandu jigi bilancjat bi drittijiet u obbligi fuq l-istess gurnalist fil-qadi ta' dmirijietu, u, di fatti, il-Qorti, dwar tali doveri da' parte tal-gurnalist, u ghalhekk, kif tghid il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza gia fuq imsemmija:

> *82. However, Article 10 § 2 of the Convention states that freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume*

> *significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations.*

Dina il-Qorti hija ghalhekk obbligata tassikura illi jintlahaq bilanc bejn id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni u id-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni, u dana sabiex jigi assikurat li hemm tali bilanc, ghal liema bilanc il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem niedet sitt kriterji importanti sabiex jigi assikurat illi, kif tghid il-Qorti, "*the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life*".

Tali kriterji gew mhaddna anke mill-Qrati taghna, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, fejn osservat korrettement illi :

> *dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li*
>
> *(a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;*
> *(b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu;*
> *(ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq;*
> *(d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u*
> *(e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Dawna l-qrati, madanakollu, dejjem ipprotegew il-gurnalizmu investigattiv, u di fatti, kif stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud**, deciza fit-3 ta' Frar, 2012:

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Minkejja dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak illi hija gia kellha l-opportunita tghid fil-kawza mhux appellata fl-ismijet "**Alan Camilleri vs Saviour Balzan**" u deciza fl-20 ta' Gunju 2016 fejn dwar il-gurnalizti w id-doveri taghha, fejn sahqet li

> *" ... ghalkemm huwa d-dover tal-gurnalist illi jgharraf u jzomm lill-pubbliku w il-qarrejja a korrent ta' kull informazzjoni relatata ma' agir ta' persuni pubblici, kemm politici kif ukoll persuni fis-servizz civil u f'posizzjonijiet importanti fis-socjeta civili, huwa ferm aktar importanti illi l-gurnalist jassikura ruhu illi l-fatti kif minnu indikat huma sostanzjalment veri u, f'kaz illi huwa ma jkollux konfort ta' provi sufficjenti, ghandu jzomm lura milli jippubblika tali stejjer, stante illi l-pubblikazzjoni ta' l-istess jwasslu sabiex il-kredibilita' tal-gurnal u l-gurnalist tigi pregudikata u, aktar importanti, il-pubbliku in generali jinghata informazzjoni illi ma jkunx minnu, fatt illi,*

> *minnu nniffsu, huwa ta' hsara kemm lill-persuna illi dwarha qed issir l-istorja u, aktar u aktar, lill-gurnalizmu il-generali, li jisthoqqlu rispett ghax-xoghol siewi u ta' utilita' kbira ghas-socjeta demokratika hajja illi Malta tgawdi illum il-gurnata.*

Tali linja ta' hsieb gie osservat ukoll mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn, fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016, intqal is-segwenti.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

L-istess Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ziedet ma' dak minnha gia espress fis-sentenza '**Ingineer Anthony Bezzina vs Josef Caruana**' deciza fl-10 ta' Marzu 2017, fejn qalet illi

> *Filwaqt li gurnalist ghandu kull jedd u anzi dmir li jirrapporta grajjiet ta' interess pubbliku, pero' ghandu jaqdi dmirijietu in bona fede u m'ghandux jedd jakkuza persuna b'fatti li ma jkunux veri. Id-dritt tal-liberta ta' espressjoni mhuwiex dak li tivvinta .*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti u l-allegazzjonijiet illi saru mill-intimat fil-varji artikoli meritu tal-kawza odjerna, illi l-intimat kien qieghed jallega kaz ta', l'hekk imsejjah, "*nepotizmu*" fejn, skond l-intimat, ir-rikorrent Christopher Ciantar, fil-kwalita' tieghu ta' Permanent Secretary fi hdan il-Ministeru tar-Rizorsi u Ambjent Rurali, kien agevola lill-martu, Eleanor Ciantar, billi holqilha kariga ghaliha, approvalha sahra ta' aktar minn €12,000 fuq medda ta' tlett snin kif ukoll approvalha borza ta' studju ta' €400 sabiex tattendi ghall kors l-Universita intitolat Qari tal-Provi tal-Malti.

Jirrizulta wkoll illi l-istess intimat allega wkoll illi r-rikorrenti Eleanor Ciantar ma kienetx tidhol fis-sieghat tax-xoghol u imbghad tidhol f'sieghat aktar tard u tithallas bhala '*overtime*', filwaqt illi allega wkoll illi hija kienet issiefer ta' spiss minghajr hadd ma kien ikun jaf fejn u li, sahansitra, ftit gimghat qabel l-elezzjoni Generali tas-sena 2013, hija nefqet lill-Gvern is-somma ta' €56,450 biex ittella *stand* ta' Malta gewwa fiera tal-agrikoltura pretiggjuza gewwa l-Germanja, liema nefqa l-intimat allega illi saret minghajr ma kellha l-approvazzjoni minn qabel sabiex taghmel dan.

L-intimat, fil-proceduri odjerni, inghata kull opportunita' sabiex jissustanza dawna l-allegazzjonijiet kollha illi huwa ghamel.

Jirrizulta, madanakollu, illi salv ghall-affidavit dettaljat ta' l-istess intimat flimkien ma' xi domandi parlamentari, l-unika prova ohra illi huwa ressaq kienet xhieda mill-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn esebew rendikont tas-sahra kollha illi Eleanor Ciantar ippercepiet fis snin 2008 sa 2013, liema sahra kienet tammonta ghal ftit aktar minn tmienja u ghoxrin elf Euro (€28,000).

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi, a differenza ta' dak allegat mill-intimat fejn huwa qal li Christopher Ciantar ikkrea kariga ghal-martu u approvalha s-sahra, provi dwar dan ma tressqux.

Jirrizulta, izda, mill-provi tar-rikorrenti, illi kien l-Ufficcju tal-Prim Ministru illi approva l-kreazzjoni ta' zewgt karigi godda, wiehed "*Manager (Naturalment Malti)*" u iehor "*Manager (Animal Welfare)*", liema karigi kienu t-tnejn direttament jaqghu taht ir-responsabbilta' tad-Direttur General (Rural Development and Aquculture). (fol 134)

Jirrizulta ukoll illi saret sejha pubblika ghal tali karigi mill-Public Administration HR Office (PAHRO) tal-Ufficcju tal-Prim Ministru fit 8 ta' April 2011 (fol 135).

Jirrizulta ukoll illi fit-30 ta' Jannar 2015 harget sejha ghall-kariga gdida, din id-darba imsejjha "*Manager (Agricultural Quality Policy)*", liema kariga kellha inkluzi fiha l-mansjonijiet tal-kariga illi kellha r-rikorrenti, liema kariga kienet giet terminatatilha fil 21 ta' Mejju 2013 (fol 61).

Jirrizulta ukoll, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Eleanor Ciantar qatt ma kienet taht ir-responsabbilta' tar-rikorrent Christopher Ciantar, kif jallega l-intimat u ghalhekk qatt ma kien ebda posizzjoni illi japprova jew jinnega xi applikazzjoni ta' sahra illi setghet ghamlet r-rikorrenti Eleanor Ciantar.

Jirrizulta, finalment, illi mhux talli r-rikorrenti inghatat il-kuntratt ta' Manager (Naturalment Malti) rizultat tal-fatt illi s-Segretarju Permanenti kien ir-ragel taghha, izda talli fl-1 ta' Ottubru 2013, jigifieri wara illi r-rikorrenti Chris Ciantar kien gie imnehhi minn Segretarju Permanenti, ir-rikorrenti Eleanor Ciantar inghatat kuntratt ta' tlett snin bhala "*Manager (Fisheries Control Programme)*", liema kariga certament ma kienetx tigi lilha moghtija kieku ma kienetx kapaci u kompetenti bizzejjed biex taqdi d-dmirijiet u doveri ta' Manager kif rikjest mill-kuntratt.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi fost l-allegazzjonijiet illi l-intimat ghamel fil-konfront tar-rikorrenti, huwa jikkontendi illi r-rikorrenti Eleanor Ciantar inghatat €400 sabiex tattendi ghal kors fl-Universita biex titghallem il-Malti miktub, u tali flejjes inghataw mir-rikorrent Christopher Ciantar.

Jirrizulta, madanakollu, illi kien id-Direttur Generali taghha, Mario Spiteri, illi approva dina l-borza ta' studju, li swiet lill-Gvern ta' Malta €400, u r-rikorrent Christopher Ciantar qatt ma kien involut fl-approvazzjoni, kif jidher mill-iskambju tal-emails illi saru (fol 153).

Il-Qorti, fuq dana is-suggett, thoss illi ghandha tosserva illi, meta jkunu jesistu fondi intizi sabiex itejjeb it-tahrig ta' persuna, ma huwiex korrett illi tali persuna tigi akkuzata li appropriat ruhha minn fondi tal-Gvern a danni ta' ohrajn, ikunu x'jkunu il-fondi, sabiex tkabbar u tavvanza l-istudji taghha, u dana qieghed jinghad ghax il-Gvern ghandu bzonn persuni kkwalifikati u mghallma fis-suggetti mehtiega ghall-avvanz tax-xoghol specjalizzat fid-Dipartimenti varji u dana fl-ahjar interess tal-pajjiz u tac-cittadin u ghalhekk, kull min japplika u jottjeni fondi tal-Gvern bil-ghan illi jipprofondixxi l-istudji tieghu ghandu jigi inkoraggit u mheggeg biex ikompli tali studji u mhux, kif gara fil-kaz odjern, attakkat u akkuzat talli ghamlet tali studju fuq dahar il-Gvern.

Tali akkuzi huma biss il-frott ta' l-ghejra u pika illi tesisti f'dan il-pajjiz, liema ghejra u pika ma' jaghmlu ebda gieh lill-pajjizna u ma jaghmel ebda gid ghall-avvanz tal-pajjiz taghhna f'dinja illi qieghda tevolvi malajr hafna u li, jekk ma naggornawx ruhhna regolarment, nispiccaw naqghu lura, b'detriment ghall-pajjiz u, finalment, ic-cittadin li jisthoqqlu l-ahjar dejjem.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-intimat, tul ix-xhieda tieghu kif ukoll l-artikoli kollha illi nkitbu bejn it 3 ta' Mejju 2013 u it 2 ta' Awissu 2013, jibbaza l-fatti tieghu fuq informazzjoni illi kienet qieghda tinghata permezz ta' Domandi Parlamentari illi kienu qed isiru dak iz-zmien mill-Onorevoli Carmelo Abela

lill Ministru ta' dak iz-zmien li kien assuma d-dikasteru li tahtu kienu jaqghu ir-rikorrenti, ossija il-Ministru Leo Brincat.

Jirrizulta, di fatti, illi l-Onorevoli Carmelo Abela ghamel erbgha Domandi Parlamentaru, dejjem fuq l-istess suggett: Domanda Parlamentari 1183 li saret fit 3 ta' Mejju 2013 u li elenkat l-allegazzjonjijiet illi huwa kien qieghed jitlob li jigu investigati (fol 65); Domanda Parlamentari 1863 li saret fit 22 ta' Mejju 2013 fejn talab informazzjoni dwar zvilupp (fol 64); Domanda Parlamentari 2750 li saret fl 10 ta' Gunju 2013 fejn reghha talab informazzjoni dwar zvilupp (fol 63) u Domanda Parlamentari 5076 li saret fis 17 ta' Ottubru 2013 fejn reghha, ghal darba ohra, talab informazzjoni dwar zvilupp.

Jirrizulta illi, wara kull Domanda Parlamentari, l-intimat tella storja relatata ma' l-istess domandi jew dakinhar stess, jew inkella ftit jiem wara.

Jirrizulta, di fatti, illi dakinhar tad-domanda parlamentari 1183 tat-3 ta' Mejju 2013, ossija l-ewwel wahda, l-intimat tella storja fejn habbar l-istorja fuq il-gazzetta tieghu.

Jirrizulta illi dakinhar illi d-domanda parlamentari 1863 li saret fit 22 ta' Mejju 2013 inghatat risposta, ossija fit 28 ta'Mejju 2013, reggha tella storja ohra.

Jirrizulta illi ftit wara illi d-domanda parlamentari 2750 illi saret fl-10 ta' Gunju inghatat risposta fl-10 ta' Lulju 2013, fit-2 ta' Awissu 2013 reggha tella storja ohra fejn irrepeta l-allegazzjonjiet kollha.

Jirrizulta, madanakollu, illi meta inghatat risposta ghad-domanda parlamentari 5076 illi saret fis-17 ta' Ottubru 2013, ossija fil-21 ta' Ottubru 2013, illi kienet l-ahhar domanda u risposta in konnessjoni ta' tali allegazzjonijiet, l-intimat qatt ma irrappurta il-kontenut ta' tali risposta.

Jirrizulta, di fatti, illi dakinhar, fil-21 ta' Ottubru 2013, ghall-allegazzjonjiet kollha illi kienu saru fil-Parlament mill-Onorevoli Carmelo Abela u li gew ripetuti u mizjuda mill-intimat fil-varji artikoli fuq imsemmija, ir-risposta illi ta il-Ministru kien illi "*l-uniku parir li nghatajt kien li l-kaz ghandu jieqaf hawn.*"

Jirrizulta, ghalhekk, illi ghalkemm saru hafna allegazzjonijiet fil-konfront taz-zewgt rikorrenti, il-Gvern tal-gurnata kien inghata il-parir illi kellhom jieqfu hemm u ma jaghmlu xejn aktar.

**Ikkunsidrat**

Kif irrilevat dina l-Qorti, kif ippresjeduta, fil-kawza "**Mario Salerno vs Roderick Agius et**" deciza fid 9 ta' Novembru 2017,

> *Ic-cittadin ghandu id-dritt li jesigi minghand il-gurnalisti illi huma jaghmlu stharrig serju u investigattiv u il-gurnalisti ghandhom id-dritt illi jesigu minghand il-Qrati il-protezzjoni lilhom spettanti meta huma, b'mod korrett u leali, jkunu qed jikxfu u jippubblikaw tali tip ta' stejjer, u dawna l-Qrati ghandhom l-obbligu li dejjem jassikuraw illi tali drittijet jigu assidwament protetti u mhaddna peress illi minghajr tali tip ta' rapurtagg u informazzjoni mghoddija lic-cittadin, l-istess cittadin ma jkunx f'pusizzjoni illi jaghraf l-azzjonijiet tal-persuni minnhom fdati bil-vot taghhom u l-bazi tad-demokrazijia li fuqha hija mibnija s-socjeta Maltija tigi serjament imminata.*

Kif kompliet tghid l-istess Qorti fl-istess kawza,

> *Il-gurnalizmu serju u investigattiv huwa importanti hafna ghal socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija, u dana sabiex tali azzjonijiet ta' persuni li jkunu inghataw il-fiducja tal-poplu ghat-tmexxija taghha, jigu analizzati u, bhal fil-kaz odjern, migjuba fil-pubbliku, ghax il-poplu ghandu d-dritt ikun jaf dak illi attwalment jkunu qed jaghmlu il-persuni illi jghidu li qed jagixxu fl-interess tac-cittadin izda illi eventwalment qed jistghanew huma minn fuq dahar ic-cittadin taht il-pretest li qed jagixxu fl-interess tal-poplu.*

F'dan il-kaz odjern, il-Qorti thoss illi ghandha taghmel osservazzjoni ulterjuri.

Filwaqt illi c-cittadin ghandu d-dritt illi jesigi minghand il-gurnalist illi jinghata informazzjoni ibbazata fuq stharrig serju u investigattiv, huwa ghandu wkoll id-dritt illi jippretendi li l-istess gurnalist jghaddilu l-informazzjoni <u>kollha</u> dwar dak illi qieghed jigi investigat, jigifieri kemm l-informazzjoni it-tajba kif ukoll dik il-hazina, u dana sabiex ic-cittadin ikun f'pusizzjoni illi jgharbel sewwa l-fatti tal-kaz u jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi meta gurnalist jonqos milli jghaddi l-informazzjoni kollha dwar il-kaz illi huwa jkun qieghed jinvestiga, huwa jkun qieghed jinfluenza u jizvija lill-qarrejja tieghu u jkun qieghed icahhadhom mill-possibbilta' illi jaghmlu ezami oggettiva w indipendenti tal-fatti kollha tal-kaz.

Dana qieghed jinghad ghax, fil-kaz odjern, ghalkemm fuq medda ta' tlett xhur, l-intimat tella sebgha stejjer dwar allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti, meta eventwalment hareg il-verdett tal-Ministru responsabbli, fejn dana gharraf illi mhux ser jiehdu passi kontra r-rikorrenti Christopher Ciantar u Eleanor Ciantar, l-intimat naqas milli jgharraf lill-qarrejja tieghu illi minn dak li kien qieghed jallega l-intimat ma kien hemm ebda azzjoni x'tittiehed.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali nuqqas jmur kontra d-dover principali ta' gurnalist illi jirispetta l-verita' u li jaghti l-verzjoni shiha tal-fatti tal-kaz illi huwa kien qieghed jinvestiga.

L-**International Federation of Journalists**, li taghha l-Istitut ta' Gurnalisti Maltin huwa membru, permezz ta' Dikjarazzjoni Internazzjonali adottata fis-sena 1954 u inkorporata fil '***Status of Journalists and Journalism Ethics***' datat 5 ta' Mejju 2003, kienet elenkat lista ta' valuri etici illi kellhom jitqiesu bhala <u>*standard of professional conduct for journalists engaged in gathering, transmitting, disseminating and commenting on news and information in describing events*</u>.

Dawna huma s-segwenti:

> *1. Respect for truth and for the right of the public to truth is the first duty of the journalist*
>
> *2. In pursuance of this duty, the journalist shall at all times defend the principles of freedom in the honest collection and publication of news, and of the right of fair comment and criticism*
>
> *3. The journalist shall report only in accordance with facts of which he/she knows the origin. The journalist shall not suppress essential information or falsify documents.*
>
> *4. The journalist shall use only fair methods to obtain news, photographs and documents.*

*5. The journalist shall do the utmost to rectify any published information which is found to be harmfully inaccurate.*

*6. The journalist shall observe professional secrecy regarding the source of information obtained in confidence.*

*7. The journalist shall be aware of the danger of discrimination being furthered by the media, and shall do the utmost to avoid facilitating such discrimination based on, among other things, race, sex, sexual orientation, language, religion, political or other opinions, and national or social origins.*

*8. The journalist shall regard as grave professional offences the following:*

*- plagiarism;*
*- malicious misrepresentation;*
*- calumny, slander, libel, unfounded accusations;*
*- acceptance of a bribe in any form in consideration of either publication or suppression.*

*9. Journalists worthy of the name shall deem it their duty to observe faithfully the principles stated above. Within the general law of each country the journalist shall recognize in professional matters the jurisdiction of colleagues only, to the exclusion of every kind of interference by governments or others.*

**L-Assemblea Parlametari tal-Kunsill tal-Ewropa**, permezz ta' Risoluzzjoni approvata fl-1 ta' Lulju 1993 intitolata "***Ethics of Journalism***" (Resolution 1003/1993), fejn jikkoncerna "**News and Opinions**" tistipula s-segwenti:

1. *In addition to the legal rights and obligations set forth in the relevant legal norms, the media have an ethical responsibility towards citizens and society which must be underlined at the present time, when information and communication play a very important role in the formation of citizens' personal attitudes and the development of society and democratic life.*

2. *The journalist's profession comprises rights and obligations, freedoms and responsibilities.*

3. *The basic principle of any ethical consideration of journalism is that a clear distinction must be drawn between news and opinions, making it impossible to confuse them. News is information about facts and data, while opinions convey thoughts, ideas, beliefs or value judgments on the part of media companies, publishers or journalists.*

4. *News broadcasting should be based on truthfulness, ensured by the appropriate means of verification and proof, and impartiality in presentation, description and narration. Rumour must not be confused with news. News headlines and summaries must reflect as closely as possible the substance of the facts and data presented.*

5. *Expression of opinions may entail thoughts or comments on general ideas or remarks on news relating to actual events. Although opinions are necessarily subjective and therefore cannot and should not be made subject to the criterion of truthfulness, we must ensure that opinions are expressed honestly and ethically.*

6. *Opinions taking the form of comments on events or actions relating to individuals or institutions should not attempt to deny or conceal the reality of the facts or data.*

Fid-dinja ta' llum, fejn c-cittadin qieghed jigi rinfaccjat ta' kulljum b'kwantita' enormi ta' informazzjoni u ahbarjiet ta' kull tip, it-tharis ta' dawna l-principju bazilari da' parte tal-gurnalisti huwa ferm importanti u jipprovdi hajt ta' kenn ghac-cittadin illi, mahkum mill hafna ahbarjiet differenti fuq l-istess akkadut, jipprova jsib il-verita' f'dak illi jirrapporta l-gurnalist.

Huwa proprju ghalhekk illi ghandu jkun dmir ta' kull gurnalist li jassikura dejjem li dawn il-principji stabbiliti aktar minn sittin sena ilu jigu mhaddna u osservati fix-xoghol taghhom ta' kulljum.

## Ikkunsidrat

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, ghalkemm l-intimat jikkontendi fl-eccezzjonijiet tieghu, illi huwa dejjem ta' spazju lir-rikorrenti sabiex jwasslu kull ma riedu, attwalment jidher car illi l-intimat QATT ma ikkomunika bl-ebda mod mar-rikorrenti sabiex jiehu l-veduti taghhom dwar dak illi huwa kien qieghed jallega u sahansitra, qabel ma tella l-istorja l-ewwel darba, ma ghamel ebda verifiki dwar il-fatti minnu stabbiliti u li dwarhom kien sejjer jikteb ma min kien ser jigi akkuzat b'allegazzjonijiet serji, ossija ir-rikorrenti.

Il-fatt li gurnalist jivverifika l-istejjer tieghu qabel ma jippubblikahom mal-persuni illi dwarhom tkun sejjra tittella l-istorja hija l-ahjar certifikat li qarrej jista jkollu li tali gurnalist ikun qieghed jaqdi d-dmijiriet tieghu lejn ic-cittadin kif misthoqq u ma tistax hlief tigi kkunsidrata bhala gurnalizmu investigattiv serju illi ghandha tigi protetta b'kull mezz minn dawna l-Qorti.

Mill-banda l-ohra, li wiehed jaqbad u jghaddi biex jippubblika assersjonjiet, allegazzjonijet u konkluzjonjiet dwar persuni minghajr ma jkun ivverifika maghhom personalment u minghajr ma jkun assikura ruhu li jghaddi l-informazzjoni kollha intjiera lill-qarrejja tieghu f'kull hin, dana ma jistax jitqies bhala xoghol investigattiv. Ghalkemm tali rappurtagg jista jitqies bhala kummentarju politiku dwar fatti u kronaka lokali, certament ma jista qatt jitqies bhala gurnalizmu investigattiv, u ghalhekk ma tistax tinghata l-protezzjoni illi jippretendi li jinghata l-intimat minn dina l-Qorti, peress illi jekk isir hekk, tkun qed issir ingustizzja lejn dawk il-gurnalisti illi jaghmlu xogholhom b'mod metikoluz u dedikat u jassikuraw li <u>qabel</u> ma jippubblikaw storja u allegazzjonijiet, ikunu ghamlu l-verifiki kollha ma' kullhadd, inkluz possibbilment mal-persuni involuti, u dana sabiex jonoraw id-dover illi huma ghandhom lejn il-qarrejja taghhom, ossija illi hija dik stabbilita mill-**International Federation of Journalists** fis-sena 1954:

> *Respect for truth and for the right of the public to truth is the first duty of the journalist*

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonjiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Wara illi ghamlet il-konsiderazzjonjiet kollha taghha kif fuq spjegat,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** t-talba tar-rikorrent kif dedotti u

**Tiddikjara** l-artikoli illi fil-gazzetta l-Orizzont fix-xhur ta' bejn Mejju u Gunju 2013, ossija:

- "**Il-Familja l-Ewwel**" ippubblikat fit-3 ta' Mejju 2013,
- "**Il-kaz tas-Segretarju Permanenti investigat**" ippubbliakt fid-9 ta'Mejju 2013,
- "**Chris Ciantar u l-impjieg ta' martu mal Gvern – Hallsuha wkoll kors bil-barka ta' zewgha**" ippubblikat fil-11 ta' Mejju 2013,
- "**Thallset €12,891 f'sahra fis-sena elettorali … spiss kienet tidhol tard ghax-xoghol u jekk taqbez il-hin normali tiddikjarah 'extra'**" ippubblikat fit-18 ta' Mejju 2013,
- "**Il-familja u mhux biss!**" ippubblikat fit-18 ta' Mejju 2013 u
- "**L-Infieq Sfieq – L-iskandli ta' Eleanor Ciantar fil-Ministeru fejn zewgha kien is-Segretarju Permanenti**" ippubblikat fit-28 ta' Mejju 2013

lkoll bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna**, a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248, lill-intimat ihallas lir-rikorrenti flimkien is-somma komplessiva ta' erbat Elef (€4,000) in linea ta' danni sofferti minnhom rizultat ta' l-artikoli fuq imsemmija.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikun a karigu ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur